VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

It-Tlieta 3 ta' Settembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

PREŻENTI:

Olaf McKay – Sindku
Alfred Zammit – Viċi Sindku (hareg mil-laqgha waqt diskussjoni)
Ylenia Montfort – Minority Leader
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Roberta Bonello Felice – Kunsillier (harget mil-laqgha waqt diskussjoni)
Daniel Diacono – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
nil

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

4.1.1 Nil

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

4.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 3 kienu ikkonfermati, intalbet kjarifika u ser ikunu mnizzla fil-minuti nru 4.

## 4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.3.1 Is-Sindku Olaf Mckay informa li ser ikun qieghed jirrizolvi l-kunsill f'kumitat biex jiddiskuti mal-avukat tal-kunsill prezenti dak li gara fil-laqgha numru 3 li saret it-tliet 6 ta' Awwissu 2024.Il-Kunsill qabel dwar dan.

Wara diskussjoni twila fejn l-avukat tal-kunsill ipprezenta c-cirkostanzi kollha li wasslu sabiex twaqqaf il-process tal-ghoti tat-tender relatata mar-restawr tal-faccata tal-Knisja ta' San Pawl u li fl-interess legali tal-Kunsill inghata parir illi minhabba c-cirkostanzi li sehhew fil-laqgha preċedenti l-Kunsill ghandu jikkunsidra li jikkanċella t-tender.

Is-Sindku Olaf Mckay irringrazzja lil Avukat li se jipproponi azzjoni dwar il-parir fejn stqarr li jara l-Kunsill ghandu jaghti

Ghalhekk is-Sindku ppropona illi minhabba c-cirkostanzi li sehhew fil-laqgha preċedenti kif imsemmi sew fil-Minuti kif ukoll trattati waqt l-ghoti tal-parir legali, il-Kunsill hu kostrett illi jikkanċella t-tender.

Il-Kunsillier Raymond Azzopardi issekonda u flimkien mal-Kunsillier Daniel Diacono kkonfermaw li jaqblu mas-Sindku filwaqt li il-minority leader Ylenia Montfort infurmat li ma taqbilx u qed tivvota kontra. Il-Kunsillier Vincent Fabri astjena.

L-ammont ta' Kunsillier prezenti kienu hamsa u ghaldaqstant ir-rizultat gie 3 favur fuq il-proposta tas-Sindku, 1 kontra u astenzjoni.

4.3.2 Is-Sindku Olaf Mckay kkonkluda fuq is-sugettu nforma lis-Seg. Ez. biex tinforma lic-Chairman tal-bord dwar din id-decizjoni u l-laqgha kompliet b'mod normali.

4.3.3 Is-Sindku Olaf Mckay informa li rcieva proposta biex il-Belt Kapitali tibda diskussjonijiet ma PortSmith biex issir twinning. Din il-proposta kienet isekondata mill-kunsillier Daniel Diacono.

4.3.4 Is-Sindku Olaf Mckay informa li nhar is-Sibt 7 ta' Settembru ser issir l-attivita 'Saving our Blue' li ghalija diga rregistraw 85 participanti.

4.3.5 Is-Sindku Olaf Mckay informa li l-kunsill lokali se jkun qed jiehu sehem fi progett tal-ewropa bit-titlu 'soil net'.

4.3.6 Is-Sindku Olaf Mckay informa li ser issir attivita 'science in the city' kif ukoll in-notte bianca.

4.3.7 Is-Sindku Olaf Mckay informa li wara li kellu laqghat ma' InfraStructure Malta dwar Triq San Gwann biex tinqala minhabba l-periklu li fiha, gie deciz li x-xogholijiet ser isiru lejn Jannar 2025 biex il-kommunita' kummercjali tkun affettawata mil-inqas. Temporanjament infrastructure malta ser taghmel xi hammering biex l-art ma tibqax tizloq.

4.3.8 Is-Sindku Olaf Mckay informa li Seg. Ez. qed torganizza laqghat mal-kuntrattur u l-periti tal-kunsill biex jiskattaw ix-xogholijiet ta' Triq Sant' Ursola xoghol bankini, u ma IM dwar it-tarmac. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.3.9 Is-sindku Olaf Mckay informa li zdiedu zewg camera wahda fil-mandragg u l-ohra triq Sant Andrija. Il-kunsillier Raymond Azzopardi informa li ser issir laqgha ma kumpanija privata dwar kif jistghu jigu kkontrollati l-hamiem.

4.3.10 Is-Sindku Olaf McKay informa li l-kunsill qed jaghti sehem tieghu fl-attivita li qed tigi organizzata mil-Valletta Community Services. Dan bil-ghan li l-attivita tkun success u jsiru aktar attivitajiet ghal-beneficcju tar-residenti Beltin.

## 4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

4.4.1 Il-vici Sindku Alfred Zammit mil-bidu tal-laqgha infexx f'tajjir fil-konfront tas-Seg. Ez, Raymond Azzopardi u anke Daniel Diacono. Huwa rrimarka li r-rapport ta' tender iridu li jitwaqqa' ghaliex il-bidder prezenti kien Agius. Hu nforma li jekk ser jaqa' t-tender ser tinfettah kawza legali.

4.4.2 Il-vici sindku alfred zammit nforma li l-bidder u l-evalwatur kienu prezenti ma taghmilx differenza u jekk il-bidder ma tkellimx m'ghandux ghalfejn jigi pinalizzat.

4.4.3 Il-vici sindku alfred Zammit qam mil-laqgha u telaq fil-bidu tal-laqgha wara li widdeb lis-Seg. Ez., lil Raymond Azzopardi u anke lil Daniel Diacono.

4.4.4 Il-Kunsilliera Roberta Bonello Felice wara li ma qablitx u hassitha offiza, qamet u harget mil-laqgha.

4.4.5 Il-Minority leader bghatet mistqosija lis-Sindku:

- Jista' s-Sindku jaghti update jew indikazzjoni fuq l-lettrini ta' Triq il-Karrijiet?

Hija kienet infurmata li qed isiru laqghat mal-Water Services Corporation biex isiru xogholijiet lejn il-bidu ta sena l-gdida biex isir tibdil f'mains ta'l-ilma gewwa triq ir-repubblika.

- Jista' s-Sindku jikkonferma hux qed jinghataw multi relatati mal-cameras illi twehlu (re skart/abbuzi) ?

Hija kienet infurmata li dan ser jibda fil-gimgha li gejja minhabba li kellhom jinbidlu sinjali.

- Jista' s-Sindku jaghti update fuq l-istewards tal-VPN u fiex qed ssarraf il-hidma taghhom jekk dawn qatt ma jidhru fil-Belt?

Is-sindku nforma dwar dan u xoghol li qed isir.

- Tista' s-Seg Ezek tghaddilna lista' updated tan-nies li ghandhom permessi tar-residenti fil-Belt (green parking)?

Hija giet infurmata li qed ticcekja jekk dettalji ta nies jistghawx jigi mghoddija minhabba data protection.

- Jista' s-Sindku jghidilna x'inhu l-pass li jmiss wara li l-Enforcement li sar pubblikament, rega' gie fix-xejn ftit sighat wara?

Is-Sindku nforma li ma jaqbilx maghha, ix-xoghol qed isir pero ser jizdied.

- Tista' s-Seg Ezek tghidilna ma' liem ghaqdiet Beltin kkolabora (anke finanzjarjament) ricentament il-Kunsill Lokali?

Hija giet infurmata li ser isir rapport fil-jiem li gejjin dwar lista ta' ghajnuna.

## 4.5 Rapporti

4.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li ser tnizzel il-membri tal-bord kif mistoqsi mil-Minortiy Leader u li gew imsemmija mil-Kunsillier Raymond Azzopardi. Huwa semma lil, Jurgen Briffa, Lian Pace, Mark Spiteri Lucas, Raymond Azzopardi li huwa raprezzentanti tal-Kunsill Lokali u l-Perit Andrew Ellul persuna ta' fiducja maghzulha mil-Arcipriet.

## 4.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

4.6.1 Il-kunsillier Raymond Azzopardi talab li titnizzel fil-minuti tgheddid li ghamel il-Vici Sindku Alfred Zammit fil-konfront ta' l-istess Kunsillier Raymond Azzopardi. Talab ukoll lis-segretarju ezekuttiv biex tghaddi l-informazzjoni kollha minhabba li ser jaghmel rapport lill-pulizija.

4.6.2 Il-kunsillier Raymond Azzopardi nnforma li wara li saret applikazzjoni ghal-isema lokalitajiet aktar nodfa l-kunsill lokali tal-Belt inata il-fondi biex issir il-clean up day u ghalhekk ser ikun qieghed jikoordina mas-seg ezekuttiv biex din l-attivita tkun success.

4.6.3 Il-kunsillier Raymond Azzopardi informa li ser issir attivita bit-titlu 'ocean bed clean up' din issir fiz-zona tal-fossa, il-kunsill ser jiprovdi zewg skips u din ser issir is-Sibt 7 ta' Settembru.

4.6.4 Il-kunsillier Raymond Azzopardi fakkar fil-coffee morning li qed jorganizza l-kunsill lokali, rringrazzja lil kunsillier Vince Fabri li offra li jferrah 'il dawk prezenti bid-daqq tal-kittarra. Is-sindku olaf mkcay nforma li se jkun hemm sezzjoni qasira ta' keep fit ghall-anzjani prezenti.

4.6.5 Il-kunsiller Raymond Azzopardi nnforma li ser ikun qed jissuggerixxi li quddiem il-camrata jitnehhew it-tliet skips, issir skip wahda din l-iskip tkun mamra bl-rfid u tinghata lir residenti tal-camrata u tal-binja faccata ghalhekk ikun qed jinqata l-abbuz minn nies minn barra l-belt li qed jaghmlu uzu hazin mill-iskips tar-residenti.

4.6.6 Il-kunsillier Daniel Diacono informa dwar il-pride march li ser issir nhar is-Sibt 14 ta' Settembru.

4.6.7 Il-kunsillier Daniel Diacono informa wkoll li ser issir il-festa ta' Santu Wistin.

4.6.8 Il-minority leader Ylenia Montfort infurmat li kellha laqgha man-nursery tal-futbol fejn gie diskuss kif il-kunsill Lokali ser jibda jiprovdi trasport ghal-loghob tal-futbol. Hija nnfurmat li ser tkun qed tikoordina ma' Tracy.

4.6.9 Il-minority leader Ylenia Montfort infurmat li kellha laqgha ma gwida fejn iddiskuttit kif tfal tal-iskola primarja kif ukoll tal-iskola ta' st Albert ikunu jistghu jippartecipaw f'guided tours fil-Belt Valletta. (taht is-supervizjoni tal-ġenituri taghhom)

4.6.10 Il-minority leader Ylenia Montfort issuggeriet li ssir talba lil supermarket spar biex issir rampa fl-entratura tal-binja minhabba li mhux accessibli.

## 4.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

NIL

## 4.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

NIL

## 4.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

4.9.1 Awwissu/Settembru 2024

Il-Kunsill aġġorna għal-Erbgha 23 ta' Ottubru 2024 17.00hrs

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Olaf McKay<br>Sindku | Gabriella Agius<br>Segretarju Eżekuttiv |